**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 18 ta' Mejju 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Brian Xuereb)**

**vs**

**Martin Cassar**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet - kif korretti b'digriet tal-10 ta' Awwissu 2022 - migjuba kontra:

Martin Cassar ta' 38 sena iben Francis u Carmen nee Bonnet, imwieled f'Malta nhar l-10 ta' Frar 1980, residenti fil-fond Block H, Entrance A, Flat 5, Triq Hal-Farrug, Hal-Luqa u detentur tal-karta tal-identita Maltija numru 231780M

Akkuzat talli:

1) fix-xahar ta' Lulju 2018 u fix-xhur ta' qabel, minn gewwa l-lukanda La Vallette, Triq id-Dragunara, f' San Giljan, ikkommetta serq li huwa aggravat bil- 'valur' li jeccedi

l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) (Art. 261, 279 (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2) U aktar talli fl-istess zminijiet naqas milli josserva l-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti (Onor Imhallef Dr. A. Mizzi LL. D) nhar is-26 ta' Lulju 2016, fid-digriet taghha li biha taghtu l-helsien mill-arrest u waqt li kien mehlus mill-arrest ikkommetta delitt li ma kienx wiehed ta' natura involontarja (Art. 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Il-Qorti giet mitluba tittratta lill-Martin Cassar bhala recediv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Rat in-nota tar-rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali tas-7 ta' Mejju 2021, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub:

   i. Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

   ii. Fl-Artikoli 216(c), 267 u 279(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

   iii. Fl-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

   iv. Fl-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri kontra tieghu jigu trattati minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.

4. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

5. Rat in-nota tal-Prosekuzzjoni fejn irrimettiet ruhha ghal kull decizjoni li l-Qorti jidrilha xierqa.

6. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza.

**Il-FATTI**

7. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

(i) Fl-20 ta' Lulju 2018, Peter Testaferrata Moroni Viani cempel lill-Pulizija ghaliex ra ragel hiereg b'zewg basktijiet wires tal-elettriku maqtugha mill-lukanda La Valette, f'San Giljan, li dak iz-zmien kienet maghluqa. Huwa waqqaf lil dan ir-ragel, u cempel ghall-assistenza tal-Pulizija.

(ii) Meta l-Pulizija marru fuq il-post sabu lill-imputat, li fuqu kellu zewg basktijiet kbar bil-wires tal-elettriku, par ingwanti tax-xoghol, berita tal-HSBC u flourscent vest.

(iii) Testaferrata Moroni Viani informa lill-Pulizija li dan is-serq kien ilu ghaddej u li kien insteraq madwar ghaxart elef metru (10,000m) wires.

(iv) Testaferrata Moroni Viani informa lill-Pulizija li kellu CCTV footage iehor fejn l-imputat jidher hiereg bil-basktijiet mimlija wires imqatta' tad-dawl.

(v) L-istima sabiex jerga' jsir il-wiring mill-gdid fil-lukanda kienet ta' €134,000.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

<u>*In-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju*</u>

8. Il-Qorti tibda billi tissolleva *ex officio* il-kwistjoni illi fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tas-7 ta' Mejju 2021, l-avukat mill-ufficju tal-Avukat Generali indika bhala wiehed mir-reati li tahtu tista tinsab htija huwa l-Artikolu 216(c) tal-Kodici Kriminali. Dan l-Artikolu 216 jikkoncerna feriti gravi fuq il-persuna, li certament m'humiex il-mertu tal-proceduri odjerni, apparti li semmai kellu jitnizzel Artikolu 216(1)(c) u mhux Artikolu 216(c). Huwa evidenti li l-Avukat Generali ried jirreferi ghal Artikolu 261(c) li jittratta serq ikkwalifikat bil-valur, u fil-fatt huwa jindika wkoll l-Artikolu 267 tal-Kodici Kriminali li jippreskrivi meta s-serq huwa ikkwalifikat bil-valur.

9. F'cirkostanzi analogi, fis-sentenza **Il-Pulizija vs Paschalino Cefai** deciza fis-6 ta' Frar 2006, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[1] irriteniet hekk:

*"Huwa veru li l-avukat, mill-Ufficcju ta' l-Avukat Generali, li rrediga n-nota ta' rinviju ghall-gudizzju donnu ghadu qed juza verzjoni tal-Kodici Kriminali ta' qabel l-emendi introdotti bl-Att III tas-2002 (meta dahal is-subartikolu (2) tal-Artikolu 325, b'mod li dak kollu li kien hemm qabel gie inkorporat f'subartikolu gdid, is-subartikolu (1)) – u dan xejn ma jawgura ghall-precizjoni li tant hija mehtiega f'materja ta' processi bhal dawn. Izda huwa evidenti wkoll li dan huwa semplici lapsus li b'ebda mod ma jincidi fuq l-intenzjoni cara ta' l-Avukat Generali li jibghat lill-imputat biex jigi ggudikat ghar-reat ta' hsara volontarja fejn l-ammont ta' hsara huwa ta' izjed minn hames mitt lira."*

10. Bl-istess mod fil-kaz odjern, il-Qorti tqis li dan izball huwa ukoll semplici *lapsus*, li ghalkemm ma hu xejn desiderabbli, bl-ebda mod ma jincidi fuq l-intenzjoni cara ta' l-Avukat Generali li jibghat lill-imputat biex jigi ggudikat ghar-reat ta' serq ikkwalifikat bil-valur.

<u>*L-Ewwel Imputazzjoni - Serq kontinwat ikkwalifikat bil-Valur*</u>

11. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat inqabad *in flagrante* hiereg mill-lukanda La Valette b'zewg boroz mimlija wire mqatta' tal-elettriku. Peter Testaferrata Moroni Viani, wiehed mis-sidien tal-lukanda, u Victor Manduca il-manager tal-lukanda xehdu li dan is-serq ta' wires mil-lukanda kien ilu sejjer circa xi xahar, u mis-CCTV cameras setghu jaraw lil xi hadd diehel u hiereg mil-lukanda, daqqa bi glekk tal-Korporazzjoni Enemalta u daqqa' minghajru. Din il-persuna kienet qieghda kull darba tqatta' kull tip ta' wire tal-elettriku li kien hemm fil-lukanda, u tiehdu maghha.

12. Id-difiza tissottometti li l-kaz de quo ma jistghax jitqies bhala reat kontinwat, ghaliex mill-filmati u r-ritratti ezebiti ma tirrizulta l-ebda azzjoni tal-imputat li vjolat l-istess disposizzjoni tal-ligi, ma giex pruvat li tali vjolazzjonijiet gew maghmula f'okkazjonijiet differenti u lanqas ma giet prodotta l-ebda prova li dawn l-azzjonijiet gew maghmula dejjem bl-istess risoluzzjoni jew intenzjoni kriminuza.

---

[1] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

13. Fic-CD li Victor Manduca ghadda lill-Pulizija kien hemm erba' ritratti u filmat tal-persuna maskili li kien hiereg mill-hotel. Dawn ir-ritratti m'humiex mill-istess filmat. Pero Victor Manduca ma ikkonfermax bil-gurament tieghu minn ha dawn ir-ritratti u filmat u d-data li fihom ittiehdu. In oltre, fil-filmat, il-persuna li tidher hierga bil-basktijiet m'hix identifikabbli, pero liebes flourescent vest u beritta. F'wiehed mir-ritratti jidher persuna simili tal-imputat liebes flourescent vest u f'zewg ritratti ohra tidher l-istess persuna minghajr il-flourescent vest, ghalkemm jidher liebes par ingwanti.

14. In oltre, il-Prosekuzzjoni naqset li tesebixxi il-flourescent vest, l-ingwanti u l-beritta li l-imputat kien liebes meta gie arrestat, sabiex din il-Qorti tkun tista' tikkumparahom ma' dawk li jidhru fil-filmati.

15. In vista ta' dawn in-nuqqasijiet fil-provi, din il-Qorti ma tistax tghid li l-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li dan kien reat ta' serq kontinwat.

16. Id-difiza tissottometti wkoll li ma giex ippruvat li dan is-serq kien ikkwalifikat bil-valur, ghaliex l-istima li giet esebita m'hijiex tal-ammont tal-wire misruq, imma hija stima biex isir wiring gdid. Id-difiza ghandha ragun anke f'din is-sottomissjoni. L-ewwelnett, ghar-ragunijiet fuq moghtija, mill-provi jirrizulta li l-imputat hu hati ta' serq ta' wires li sehh fl-20 ta' Lulju 2018 biss u ghalhekk il-valur li jrid jittiehed in konsiderazzjoni huwa l-valur tal-wires involuti f'din is-serqa biss. In oltre, il-valur irid jigi determinat ghab-bazi ta' kemm kien jiswa dan il-wire meta nsteraq, u mhux kemm jiswa lid-danneggjat sabiex jirrippjazzah b'wire gdid. In oltre, l-istima ezebita hija vaga ghall-ahhar kemm dwar l-ammont f'metri ta' wiring ordnat u kif ukoll dwar ta' liema kwalita kien se jinxtara.

17. Mill-provi prodotti ma jirrizultax kemm-il metru wire tal-elettriku insteraq fl-20 ta' Lulju 2018, u lanqas xi'kwalita ta' wire ta' l-elettriku kien.L-unika prova li hemm hija x-xhieda ta' Peter Testaferrata Moroni Viani li jghid li l-imputat kien qed igorr zewg boroz kbar mimlijin wires tal-elettriku.[2]

[2] Ara fol. 63 tal-process.

18. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Cutajar** deciza fit-23 ta' Settembru 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[3] irriteniet hekk:

*"Meta qorti, bl-applikazzjoni tal-esperjenza ta' kulljum tal-gudikant, tkun tista' taghmel il-valutazzjoni taghha tal-ammont tal-hsara (jew tal-valur ta' l-oggett misruq) fis-sens li tistabilixxi jekk ikunx inqabez jew le xi benchmark partikolari stabbilit mill-ligi (ez. jekk hux aktar minn ghaxar liri, aktar minn hamsin lira jew aktar minn hames mitt lira – Art. 325(1), Kap. 9), m'ghandux jitqabbad perit biex jaghmel stima ta' l-oggett jew oggetti in kwistjoni proprju ghax tali valutazzjoni ma tkunx "tinhtieg hila jew sengha specjali" (Art. 650(1), Kap. 9): l-ispejjez ta' tali perizja u d-dewmien li din neccessarjament iggib ikunu inutili u ghalhekk ingustifikati."*

19. Pero fil-kaz odjern bl-applikazzjoni tal-esperjenza ta' kuljum, din il-Qorti ma tistax tiddetermina l-valur tal-wires li insterqu fl-20 ta' Lulju 2018, u dan ghaliex m'hux biss mill-atti ma jirrizultax kemm-il metru ta' wire insteraq dak in-nhar, izda lanqas jirrizulta x'tip ta' wire tal-elettriku kien, ghax ovvjament dan ghandu rilevanza ghal fini li jigi determinat il-valur. Il-Prosekuzzjoni lanqas biss ipprezentat ritratti ta' dawn il-boroz bil-wires li kien hemm go fihom. F'dan l-istat tal-provi, din il-Qorti ma tistax taghmel il-valutazzjoni taghha ta' dawn il-wires. Konsegwentement, il-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova li dan is-serq kien ikkwalifikat bil-valur.

20. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza taghmel riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[4] tat-30 ta' Jannar 2003[5] fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Galea** fejn gie ritenut li l-element intenzjonali tar-reat ta' serq *"ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wiehed jiehu oggett, imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegh."* Id-difiza issottomettiet li l-Prosekuzzjoni ma ippruvatx l-intenzjoni li l-imputat jaghmel xi qliegh. Frankament din il-Qorti ma tarax kif din is-sentenza tista' tkun ta' xi konfort ghat-tezi tal-imputat, ghax din is-sentenza kienet titratta jekk l-imputati f'dawk il-proceduri kellhomx l-intenzjoni li jiehdu l-karozza sabiex jaghmlu qliegh minnha jew ghaliex ippretendew li kellhom dritt li jaghmlu hekk (ir-reat ta' ragion

[3] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.
[4] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.
[5] Mhux is-sena 2001, kif erronjament indikat fin-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza.

fattasi). Fil-kaz odjern, l-imputat lanqas biss allega li hu ha dawn il-wires mhux bl-intenzjoni li jaghmel xi qliegh, imma ghax deherlu li kellu dritt li jaghmel dan.

21. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Balzan** deciza fis-26 ta' Marzu 2015, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[6] qalet hekk:

*"L-appellant jargumenta illi huwa ma ha xejn minn dan it-tbaghbis peress illi l-kont tad-dawl kien f'isem is-socjetà u se mai kienet l-istess socjetà illi hadet xi beneficcju. Ovvjament dan l-argument ma jistax iregi. Meta l-awturi jitkellmu dwar profitt gej mis-serq dan qed jghiduh bl-aktar mod wiesgha tal-kelma u mhux bilfors ikun profitt f'termini monetarji izda bizzejjed ikun fl-aktar termini generici ta' gwadann, liema gwadann m'ghandux ghalfejn ikun personalment tal-persuna koncernata izda anke ghal haddiehor inkluz socjetà ta' responsabiltà limitata bhalma hu f'dan il-kaz."*

22. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs John Galea** fuq imsemmija u ccitata mill-imputat stess, il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet rassenja ezawrjenti dwar l-intenzjoni li jsir xi qliegh fir-reat ta' serq:

*"Kif jghid il-CARRARA [op.cit. Vol. IV , para. 2035 :-*
*"il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u*
*"per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso."*

*u l-CRIVELLARI jghid :-*
*"L'elemento intenzionale nel furto non si costruisce gia' col solo animo di prendere ma coll'animo di lucrare.*

*Il-Professur Sir Anthony Mamo [Notes on Criminal Law, 1958 , Vol. II , p. 305] jispjega hekk :-*
*"The special malice of theft consists in the intent to procure a benefit or satisfaction whatever from the thing belonging to others (lucri causa). Thus "lucrum" in this*

[6] *Per* Imhallef Michael Mallia.

*connection does not mean an actual gain or profit in terms of money but any advantage or satisfaction procured to one's self...."*

*u l-MAINO fil-"Commento al Codice Penale" Libro II, Titolo X , para. 1843 jghid :-*
*"il profitto ...deve intendersi cosi' nel senso di lucro potenziale e possibile e di lucro non soltanto materiale , ma nell'ampio senso della parola."*
*u aktar ' isfel :-*
*"...per lucro o profitto nel furto si intende non soltanto il lucro borsuale che puo ritrarsi dalla cosa rubata vendendola , oppure un effettivo aumento del patrimonio del ladro , ma qualunque godimento o piacere, qualunque sodisfazione procurata a se stesso."*

*Umbaghad il-CASSAZIONE ta' Ruma ukoll irriteniet li :-*
*"Per lucro va inteso qualsiasi vantaggio illecito che si tragga o si proponga di trarre materialmente dalla cosa rubata." [21, Novembre , 1916 - Bollett Pen. 1917 , p..140]*

*Il-Professur Mamo izid jelabora [op.cit.]*
*"..it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent ; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised..... Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself ( e.g. because he restores the thing ) ...the crime of theft juridically continues to subsist , inasmuch as the "animus lucrandi" was present at the time of appropriating the thing. Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases."*

23. Fid-dawl ta' dan l-insenjament, din il-Qorti ma tistax tara kif is-sottomissjoni tad-difiza li ma giex ippruvat li l-imputat ghamel xi qliegh mill-wires tal-elettriku li ha mil-lukanda tista' tigi milqugha. Gialadarba gie ippruvat illi kien l-imputat li dahal fil-lukanda u ha l-wires minghajr l-approvazzjoni tas-sid, huwa legittimu ghal min huwa imsejjah biex jiggudika li jikkonkludi illi dan ma sarx ghal xi ghan legittimu, izda unikament sabiex isir l-akkwist ta' oggett minghajr il-kunsens ta' sidu u bil-ghan illi isir xi forma ta' gwadann.

24. Id-difiza tissottometti wkoll li l-imputat ma jista' qatt jigi misjub hati ta' serq imma se mai ta' attentat ta' serq ghaliex huwa ma harigx mill-konfini tal-lukanda fejn

allegatament kienu jinstabu dawn il-wires, u allura r-reat ta' serq kien ghadu ma giex konsmat. Id-difiza taghmel riferenza ghall-filmat tac-CCTV ezebit, fejn il-persuna li tidher fil-filmat u li mhix identifikabbli, skond l-imputat tidher fil-konfini tal-lukanda.

25. Ix-xhud Peter Testaferrata Moroni Viani jghid li hu ra *"lil dan il-bniedem b'zewg (2) boroz mimlijin wires niezel ir-rampa ... ..."*[7] Ix-xhud ma jispecifikax fejn hi din ir-rampa – pero frankament din il-Qorti lanqas tqis li dan id-dettal hu importanti. Mix-xhieda ta' Peter Testaferrata Moroni Viani jirrizulta ampjament li meta hu waqqaf lill-imputat, l-imputat kien mhux biss qata' l-wires tal-elettriku minn gol-lukanda, izda poggihom go zewg boroz, u hareg mill-bini tal-lukanda. Anke jekk ghal grazzja tal-argument kien ghadu fil-parapett jew gnien fuq barra tal-lukanda, jibqa' l-fatt li l-imputat mhux biss kien ha dawn il-wires li kienu fil-bini tal-lukanda b'mod illegittimu, izda kien ukoll effettivament spussessa lis-sidien tal-lukanda minn dawn il-wires. Konsegwentement, meta l-imputat gie mwaqqaf minn Peter Testaferrata Moroni Viani, *il concrectatio dolosa di cosa altrui* kienet lahqet saret, u r-reat ta' serq kien gie ikkunsmat.

26. Fid-dawl tal-imputazzjoni fuq esposta, il-Qorti qed issib lill-imputat hati biss ta' serq semplici.

<u>*It-Tieni Imputazzjoni – Ksur ta' Digriet ghall-helsien mill-arrest*</u>

27. Id-difiza tissottometti wkoll li l-imputat ma jistghax jinstab hati tat-tieni imputazzjoni dedotta kontra tieghu, u cioe li kiser id-digriet tal-helsien mill-arrest, ghaliex ghalkemm giet ezebita vera kopja tad-digriet in kwistjoni, id-deputat registratur ma nizzilx id-data meta saret il-kopja, u lanqas ittella' jixhed sabiex jikkonferma l-istat tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest fid-data tar-reat. Din il-Qorti taqbel li d-difiza ghandha ragun rigward din is-sottomissjoni. Ghalkemm gie debitament ippruvat li l-imputat inghata l-helsien mill-arrest b'digriet tas-26 ta' Lulju 2016, il-Prosekuzzjoni ma ippruvatx li dan id-digriet ezebit in atti kien ghadu in vigore meta gie kommess ir-reat ta' serq. Konsegwentement, din it-tieni imputazzjoni ma gietx debitament ippruvata.

[7] Ara fol. 60 tal-process.

*It-Tielet Imputazzjoni – Ir-Recidiva*

28. Id-difiza tissottometti wkoll li l-imputazzjoni tar-recidiva ma gietx ippruvata, ghaliex ma saritx il-prova li l-persuna kundannata fis-sentenzi ezebiti kienet effettivament l-imputat. Id-difiza targumenta li l-prova tal-identita tista' issir a bazi tal-konnotati tal-imputat biss f'kaz ta' reati amministrattivi, u l-kaz odjern ma jikkoncernax reat amministrattiv. Huwa jiccita in sostenn tas-sottomissjoni tieghu s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Kevin Brincat** deciza fit-30 t'Ottubru 2008 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri).[8]

29. Pero, il-Qrati taghna dejjem accettaw li ghal fini tal-imputazzjoni tar-recidiva, il-prova tal-identita tal-imputat tista' issir a bazi tal-konnotati biss, anke fejn ir-reat ikun wiehed kriminali. Fil-fatt fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Zahra** deciz fl-24 ta' Frar 2003, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[9] irriteniet hekk:

*"… … (L)-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti – permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti – li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

30. Fil-kaz odjern, il-Prosekuzzjoni ezebiet kopji legali ta' zewg sentenzi ta' din il-Qorti, diversament preseduta, wahda deciza fit-2 ta' Frar 2002 u l-ohra deciza fit-23 ta' Settembru 2009,[10] fejn l-imputat gie ikkundannat ta' reati ta' serq ikkwalifikat. Fiz-zewg sentenzi il-konnotati tal-imputat moghtija jaqblu ma' dawk moghtija fic-citazzjoni tal-kawza odjerna, hlief ghall-indirizz tar-residenza tieghu. Ghalkemm fit-tieni sentenza, ma tindikax isem omm l-imputat u l-karta tal-identita tieghu, dawn iz-zewg kundanni huma elenkati fil-fedina penali tal-imputat, li ghandha l-istess konnotati bhal dawk moghtija fic-citazzjoni de quo, inkluz isem l-omm l-imputat u l-karta tal-identita tieghu. Ghalhekk, din il-Qorti hija sodisfatta li l-hati Martin Cassar imsemmi f'dawn iz-

---

[8] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.
[9] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.
[10] Ara fol. 128 *et seq.* u fol. 141 *et seq.* tal-process.

zewg sentenzi huwa l-imputat odjern. Konsegwentement, l-imputazzjoni tar-recidiva giet ukoll debitament ippruvata.

31. Pero, il-Qorti ma tistax ma tikkummentax li kif jista' jigi innotat mill-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-prosekuzzjoni ta' dawn il-proceduri mill-Ufficjali Prosekuturi precedenti ghal l-ispettur li qed jidher ghall-prosekuzzjoni fis-seduta tal-lum kien wahda mill-aktar superficjali u lakonika.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

32. Fir-rigward il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fedina penali raffrettarja tal-imputat. Huwa ghandu tlettax (13)-il kundanna minn dawn il-Qrati, inkluz ghal diversi reati ta' serq ikkwalifikat, anke bil-vjolenza, zamma ta' armi minghajr licenzja tal-Pulizija, li ikkaguna feriti ta' natura gravi u ohrajn ta' natura hafifa, reati ta' vjolenza domestika u pussess semplici u traffikar ta' droga.

33. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li hu tossiko-dipendenti fuq il-marijuana.

34. Ghalkemm l-imputat skonta addirittura piena ta' sitt snin prigunerija fl-2015, jidher li jrid jostina rasu jibqa' miexi fit-triq tal-kriminalita.

**Konkluzjoni**

35. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi, billi wara li rat ir-reati elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tas-7 ta' Mejju 2021:

    1. Issib lill-imputat mhux hati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 261(c), 267 u 279(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, izda minflok issibu hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 284 tal-istess Kodici, stante li dan hu reat kompriz u involut fir-reati kontemplati fit-tlett artikoli fuq imsemmija.

2. Issib lill-imputat mhux hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qed tilliberah minnu.

3. Issib lill-imputat hati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundanna lill-hati ghall-piena karcerarja ta' sena prigunerija.

5. In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema spejjez ghandhom jithallsu mhux aktar tard minn zmien sitt (6) xhur mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata. Ghal dan il-fini ir-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data, kif ukoll ghandu jikkomunika minnufih lill-hati l-ammont hekk dovut. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija ghal kull azzjoni li jidhirlu li ghandu jiehu.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**